# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 15 ta' Lulju 2024**

**Rik. Gur.Nru.: 195/2024 JPG**
**Kawza nru.: 23**

**CP**
**vs**
**DF**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors tal-attrici datat 15 t'April 2024, a fol 1, li jaqra hekk:

1. *Illi l-kontendenti żżewġu nhar is-sbatax (17) ta' Ġunju tas-sena elfejn u wieħed (2001) (Kopja taċ-ċertifikat taż-żwieġ qed jiġi eżebit animo ritirandi bħala Dok A).*

2. *Illi minn dan iż-żwieġ twieldu tlett itfal, tnejn minnhom li għadhom ħajjin u cioe K u Y, u huma maġġorenni.*

3. *Illi l-kontendenti sseparaw permezz kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dr.Patricia Hall datat l-erbgħa (4) ta' Ġunju tas-sena elfejn u dsatax (2019) li kopja tiegħu qed jiġi eżebit animo ritirandi bħala Dok B.*

4. *Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-kontendenti u*

*ma hemm l-ebda pendenzi jew diżgwiti rigwardanti manteniment.*

5. *Illi għalhekk dawn il-fatti jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha mehtiega ghall- ksib tad-divorzju skond tal-artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Għaldaqstant l-esponent jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ ċivili ta' bejn il-partijiet iċċelebrat nhar is-sbatax (17) ta' Ġunju tas-sena elfejn u wieħed (2001)*
2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-żmien imħolli għal daqsekk mill-istess Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

*Dan taħt dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimat ma ntavola ebda risposta izda xehed viva voce a Fol 17;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attrici xehdet (vide affidavit fol 14)** u kkonfermat illi il-partijiet izzewgu nhar is-17 ta' Gunju 2001 u li minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal, tnejn hajjien u illum maggjorenni. Iddikjarat illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 4 ta' Gunju 2021 fl-atti tan-Nutar Dr Patricia Hall. Di piu', ikkonfermat illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni kif ukoll ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**L-intimat xehed (vide xhieda Fol 17)** u kkonferma u kkorrobora ma dak li xehdet martu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***
>
> ***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-17 ta' Gunju 2001 liema zwieg jgib certifikat numru 932/2001 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 3). Minn dan iz-zwieg twieldu tlett ulied, tnejn hajjien u li llum maggjorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt konsenswali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Patricia Hall nhar l-4 ta' Gunju 2019(Vide fol 4 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 932/2001 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**